

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2006/0132(COD)

7.5.2007

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' qafas għal azzjoni tal-Komunità biex jintlaħaq użu sostenibbli ta' pestiċidi

(COM(2006)0373 – C6-0246 – 2006/0132(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dorette Corbey

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-użu ta' pestiċidi jew ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti jipprovdi vantaġġi sostanzjali għall-bdiewa u l-konsumaturi billi jgħin biex jiżgura provvisti affidabbli ta' varjetà wiesgħa ta' prodotti agrikoli li wieħed ikun jista' jaffordja. Il-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti jistgħu wkoll jilagħbu rwol kbir fl-iżvilupp ulterjuri u l-applikazzjoni tal-bijofjuwils għax dawn ikunu saru mill-uċuħ tar-raba'. Fl-istess ħin, il-pestiċidi huma magħmula bil-ħsieb li jeqirdu ċertu organiżmi u għalhekk jistgħu wkoll jikkawżaw effetti negattivi mhux mixtieqa fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent. Sabiex jiġi żgurat l-użu responsabbli u sostenibbli tal-pestiċidi, għet għalhekk imfittxija politika Ewropea f'dan il-qasam sa mill-1979.

Madankollu s-sitwazzjoni preżenti mhijiex ideali: ammonti mhux mixtieqa ta' ċertu pestiċidi għadhom jistgħu jinstabu fl-ambjent (arja, ħamrija u ilma) b'riskji potenzjali għall-bniedem u l-ambjent. Dawn in-nuqqasijiet huma deskritti b'mod ċar fil-pubblikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni, "Strateġija tematika dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi" u, sabiex tittieħed azzjoni dwarhom, il-Kummissjoni ħarġet żewġ proposti leġislattivi, jiġifieri regolament dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti (COM(2006)388) u l-proposta preżenti dwar l-użu tagħhom. Għalhekk iż-żewġ proposti għandhom bżonn jitqiesu flimkien.

Ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom għandha opinjoni favur il-proposta tal-Kummissjoni li tfitte li:

- titlob lill-Istati Membri sabiex ifasslu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali li jkun fihom inventarju ta' l-uċuħ tar-raba', attivitajiet jew oqsma fir-riskju u soluzzjonijiet xierqa flimkien ma' objettivi u skedi biex dawn jintlaħqu;
- tintroduċi sistema obbligatorja għad-distributori tat-taħriġ u għall-utenti professjonali tal-pestiċidi;
- tipprovdi iżjed informazzjoni u aħjar fejn jinbiegħu l-pestiċidi u għall-pubbliku ġenerali;
- tippjana l-ispezzjonijiet u l-manteniment tekniċi regolari għall-apparat ta' l-applikazzjoni li juża standards armonizzati;
- tintroduċi regoli speċifiċi biex jipproteġu l-ambjent akwatiku bħal ma hija d-demarkazzjoni ta' strippi 'buffer' u miżuri oħra biex jiġi llimitat il-ġarr tal-kurrent;
- u, b'mod importanti, tintroduċi projbizzjoni fuq l-isprej mitfugħ mill-ajru sabiex jilqa' kontra r-riskji tal-ġarr ta' l-isprej imma bil-possibilità li Stati Membri jingħataw derogi (definiti b'mod ċar).

Ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom tilqa' l-armonizzazzjoni proposta li hija importanti mhux biss sabiex tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-ambjent fil-Komunità kollha imma wkoll sabiex jinħoloq livell li fih jaħdmu l-bdiewa u l-prodotti tal-pestiċida. Minħabba d-diversità wiesgħa tal-kundizzjonijiet ġeografiċi, agrikoli u klimatiċi fi Stati Membri varji, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom taqbel ukoll mal-miżura għolja ta' flessibilità mogħtija lill-Istati Membri fil-livell ta' implimentazzjoni Prattika. Madankollu, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom hija ta' l-opinjoni li l-użu ta' protezzjoni mhux kimika għall-

pjanti tista' titħeġġeġ iżjed bid-disseminazzjoni ta' l-aħjar Prattika u bl-applikazzjoni frekwenti tal-protezzjoni integrata għall-pjanti.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill- Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni¹

Emendi tal-Parlament

Emenda 1 Artikolu 2, paragrafu 2

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe leġiżlazzjoni Komunitarja oħra.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe leġiżlazzjoni Komunitarja oħra ***u għal kwalunkwe miżura fiskali nazzjonali biex jitħeġġeġ l-użu ta' pestiċidi li jagħmlu inqas ħsara.***

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jridu jibqgħu ħielsa, sakemm ifittxu dan, sabiex jinkoraġġixxu użu iżjed sostenibbli ta' pestiċidi billi jużaw strumenti fiskali.

Emenda 2 Artikolu 2, paragrafu 2a (ġdid)

2a. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu sussidji jew jieħdu miżuri fiskali biex jinkoraġġixxu l-użu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jagħmlu inqas ħsara. Dan jista' jinkludi l-introduzzjoni ta' taxxa għall-pestiċidi għall-prodotti kollha barra l-prodotti mhux kimiċi jew il-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti b'livell ta' riskju baxx jew imnaqqas kif definit fl-Artikoli 46(1) u 46a(1) tar-Regolament (KE) Nru [...] dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien

¹ Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

tal-pjanti.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jridu jibqgħu ħielsa, sakemm ifittxu dan, sabiex jinkoraġġixu użu iżjed sostenibbli ta' pestiċidi billi jużaw strumenti fiskali.

Emenda 3

Artikolu 3, punt (i a) (ġdid)

(ia) 'pestiċida' tfisser prodott għall-ħarsien tal-pjanti kif definit fir-Regolament (KE) Nru [...] dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.

Ġustifikazzjoni

Il-kliem 'pestiċida' u 'prodott għall-ħarsien tal-pjanti' huma użati b'mod mhux diskriminatorju fid-direttiva sħiħa. Għal raġunijiet ta' kjarifika u ta' ċertezza legali, huwa importanti li tkun definita l-kelma 'pestiċida'.

Emenda 4

Artikolu 4, paragrafu 1, subparagrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni biex jistabbilixxu miri, miżuri u skedi ta' implimentazzjoni għat-tnaqqis tar-riskji, inklużi perikli, ***u d-dipendenza fuq*** il-pestiċidi.

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni biex jistabbilixxu miri, miżuri u skedi ta' implimentazzjoni għat-tnaqqis tar-riskji, inklużi perikli, ***tal-pestiċidi. Il-miri għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 4(1) u 16 tad-Direttiva 2000/60/KE.***

Ġustifikazzjoni

Il-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandhom ikunu mmirati b'mod primarju biex jiġġieldu r-riskji u l-perikli li jirriżultaw mill-użu tal-pestiċidi u mhux biex jiġġieldu l-użu attwali tagħhom. Huwa importanti li l-programmi ta' azzjoni nazzjonali jiġu bbażati wkoll fuq l-oġettivi fid-direttiva ta' qafas għall-ilma.

Emenda 5

Artikolu 4, paragrafu 1, subparagrafu 1 a (ġdid)

Parti mill-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għandha tikkonċentra fuq l-immaniġġjar

integrat tal-ħlejjaq li jagħmlu l-ħsara kif definit fl-Artikolu 13 bil-prijorità mogħtija lill-miżuri għall-ħarsien tal-pjanti li jħaddmu tekniki mhux kimiċi.

Ġustifikazzjoni

Il-ħarsien tal-pjanti integrat irid ikun ikoragġut.

Emenda 6

Artikolu 6, paragrafu 1

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributori li jbigħu l-pestiċidi ***kklassifikati bħala tossiċi jew tossiċi ħafna skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/45/KE*** ikollhom għallinqas persuna waħda fl-impjieg tagħhom li għandha ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5(2) u li għandu jkun preżenti u disponibbli fil-post tal-bejgħ biex jipprovdi tagħrif lill-klijenti rigward l-użu tal-pestiċidi.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-distributori li jbigħu l-pestiċidi ikollhom għallinqas persuna waħda fl-impjieg tagħhom li għandha ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 5(2) u li għandu jkun preżenti u disponibbli fil-post tal-bejgħ biex jipprovdi tagħrif lill-klijenti rigward l-użu tal-pestiċidi.

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni kultant hija provduta fil-post ġo farm minflok ma tkun provduta fil-post fejn jinbiegħ il-prodott b'mod invarjat.

Emenda 7

Artikolu 7

L-Istati Membri għandhom jippromwovu u jiffaċilitaw programmi ta' għarfien u d-disponibbiltà tat-tagħrif marbut mal-pestiċidi ***lill-pubbliku ġenerali***, partikolarment fir-rigward ta' l-effetti tagħhom fuq ***is-saħħa u l-ambjent*** u alternattivi li mhumiex kimiċi.

L-Istati Membri għandhom jippromwovu u jiffaċilitaw programmi ta' għarfien u d-disponibbiltà tat-tagħrif marbut mal-pestiċidi ***lill-utenti professjonali u mhux professjonali***, partikolarment fir-rigward ta' l-effetti tagħhom fuq ***il-produzzjoni agrikola, is-saħħa u l-ambjent*** u alternattivi li mhumiex kimiċi.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li ssir kampanja ta' għarfien bilanċjata li fiha għandhom jiġu trattati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi kollha. Il-pestiċidi għandhom ukoll il-vantaġġi bħal li jiġu żgurati l-produzzjoni massima tal-farm, il-prodotti agrikoli ta' kwalità oġhla, il-limitar ta' l-erożjoni tal-ħamrija, il-konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-pjanti u l-iffaċilitar tal-kummerċ internazzjonali għall-prodotti agrikoli.

Emenda 8
Artikolu 10, paragrafu 1, parti introduttorja

(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jintużaw pestiċidi qrib l-ilmijiet, tingħata preferenza lil:

(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jintużaw pestiċidi qrib l-ilmijiet **u, b'mod partikulari, ilma bil-ħsieb li jintuża bħala ilma għax-xorb**, tingħata preferenza lil:

Ġustifikazzjoni

Ilmijiet bil-ħsieb li jintużaw bħala provvisti ta' l-ilma għax-xorb għandhom jingħataw iżjed protezzjoni biex jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 7 tad-Direttiva ta' Qafas għall-Ilma.

Emenda 9
Artikolu 11, paragrafu 2

Il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni **msemmija fil-punt (b) tista'** tkun ibbażata fuq ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet tar-riskju rilevanti.

Il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni **għandha** tkun ibbażata fuq ir-riżultati ta' l-evalwazzjonijiet tar-riskju rilevanti.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li ssir evalwazzjoni stretta ħafna f'oqsma vulnerabbli (fir-rigward ta' flora, fawna jew gruppi vulnerabbli bħal ma huma t-tfal) dwar jekk l-użu tal-pestiċidi għandux jittnaqqas jew anke jkun projbit. Dan għandu jiġi eżaminat fuq bażi għal kull każ kif ukoll fuq il-baży ta' evalwazzjoni tar-riskju.

Emenda 10
Artikolu 12, paragrafu 1, parti introduttorja

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operazzjonijiet li jmiss ma jipperikolawx is-saħħa u s-sikurezza tal-bnedmin u ta' l-ambjent:

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-operazzjonijiet li jmiss **imwettqa minn utenti professjonisti** ma jipperikolawx is-saħħa u s-sikurezza tal-bnedmin u ta' l-ambjent:

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun ċar li l-azzjoni proposta mill-Kummissjoni ma tapplikax għal użi privati.

Emenda 11
Artikolu 12, paragrafu 1, punt (d)

(d) it-tindif tat-tagħmir li jintuża għall-applikazzjoni.

(d) ***il-preparazzjoni, il-'handling', it-tindif u l-ħażna*** tat-tagħmir li jintuża għall-applikazzjoni ***u kwalunkwe aċċessorju, inklużi apparat għall-bexx u l-kimiċi.***

Emenda 12
Artikolu 13, paragrafu 1 a (ġdid)

1a. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti b'livell ta' riskju baxx jew imnaqqas kif definit fl-Artikoli 46(1) u 46a(1) tar-Regolament (KE) Nru [...] dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu użu tal-pestiċidi li jkunu iżjed sostenibbli u sikuri għall-ambjent. Barra minn hekk, huwa importanti li d-direttiva preżenti tintrabat iżjed ma' l-abbozz tar-regolament dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti.

Emenda 13
Artikolu 13, paragrafu 2

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew *jappoġġaw* l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni *tal-ġestjoni integrata* ta' organiżmi ta' ħsara.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew *jappoġġaw* l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni *ta' l-immaniġġjar integrat* ta' organiżmi ta' ħsara ***u għandhom jipprovdu għal kull prodott tar-raba', deskrizzjonijiet ta' l-aħjar Prattika għall-ħarsien tal-pjanti integrat bi priyorità mogħtija lill-ħarsien tal-pjanti mhux kimiċi.***

Ġustifikazzjoni

L-aħjar Prattika dwar il-metodi mhux kimiċi tal-ħarsien tal-pjanti tgħin utenti professjonali jagħmlu għażliet dwar il-ħarsien tal-pjanti li jkunu sikuri għall-ambjent.

Emenda 14
Artikolu 15

Il-Kummissjoni għandha tressaq **regolarment** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, akkumpanjat fejn xieraq minn proposti għal emendi.

Kull tliet snin il-Kummissjoni għandha tressaq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva **u evalwazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni**, akkumpanjat fejn xieraq minn proposti għal emendi.

Emenda 15
Artikolu 15 a (ġdid)

Artikolu 15 a

Skambju ta' informazzjoni u ta' l-aħjar prattika

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika fil-qasam ta' l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u l-immaniġġjar integrat ta' organiżmi ta' ħsara.

Ġustifikazzjoni

Komponent importanti tal-promozzjoni ta' l-użu sostenibbli tal-pestiċidi u ta' l-immaniġġjar integrat ta' organiżmi ta' ħsara huwa l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri u partijiet oħra interessati. Dan ifisser li r-rota ma tridx kull darba tiġi maħluqa mill-ġdid. Inizjattivi eżistenti (bħal ma huma l-Inizjattiva Ewropea għall-Iżvilupp Sostenibbli fl-Agricoltura) jistgħu jiġu inklużi.

Emenda 16
Artikolu 20, paragrafu 1, subparagrafu 2

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. **L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif referenza bħal din se titwettaq.**

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

Ġustifikazzjoni

L-applikazzjoni korretta ta' pestiċidi hija garantita bi qbil mar-regolament preċedenti.

PROĊEDURA

Titolu	Direttiva ta' qafas dwar l-użu sostenibbli ta' pestiċidi
Referenzi	COM(2006)0373 - C6-0246/2006 - 2006/0132(COD)
Kumitat responsabbli	ENVI
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 5.9.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	5.9.2006
Rapporteur ta' opinjoni: Data tal-ħatra	Dorette Corbey 23.11.2006
Diskussjoni fil-kumitat	28.2.2007 3.5.2007
Data ta' l-adozzjoni	3.5.2007
Riżultat tal-vot finali	+: 28 -: 14 0: 1
Membri preżenti għall-vot finali	Šarūnas Birutis, Renato Brunetta, Jerzy Buzek, Jorgo Chatzimarkakis, Silvia Ciornei, Pilar del Castillo Vera, Den Dover, Lena Ek, Nicole Fontaine, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, David Hammerstein, Erna Hennicot-Schoepges, Mary Honeyball, Romana Jordan Cizelj, Romano Maria La Russa, Pia Elda Locatelli, Eugenijus Maldeikis, Angelika Niebler, Reino Paasilinna, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Mechtild Rothe, Paul Rübig, Andres Tarand, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Claude Turmes, Nikolaos Vakalis, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Pilar Ayuso, Ivo Belet, Dorette Corbey, Philip Dimitrov Dimitrov, Robert Goebbels, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Eija-Riitta Korhola, Erika Mann, John Purvis, Hannes Swoboda, Silvia-Adriana Țicău